**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 21 ta' Frar 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Frans Micallef)**

**Vs**

**ANTHONY JOSEPH CAUCHI**

Kump Nru. 140/2013

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Anthony Joseph Cauchi** detentur tal-karta tal-identita numru 251294M **,** gie akkuzat talli fil-5 ta' Gunju 2012 f'Hal Farrug limiti ta' Hal Luqa:

1. Ikkommettejt serq ta' oggetti ghad-detriment ta' sidhom, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur huwa aktar minn €233 izda anqas minn €2,333, u bil-persuna.

2. Talli wkoll, fl-istess data u fil-granet ta' wara, f'dawn il-gzejjer, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indhalt sabiex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tad-29 t'Ottubru 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara *folio* 2);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti li kkaratterizzaw din il-kawza u li gew ippruvati skond il-ligi huma s-segwenti.

Illi l-imputat kien impjegat ma Green Star Ltd bhala xufier u normalment huwa jigi nkarigat imur f'postijiet partikolari sabiex jigbor materjal u jiehdu ghar-riciklagg. Nhar il-5 ta` Gunju 2012 l-imputat mar Hal Farrug gewwa l-premises tal-Lufthansa u fost diversi oggetti ohra, huwa ghabba zewg lockers tal-hadid u zewg kaxxi ta` ftit anqas minn metru kubu li kien fihom xi wires. Operator, certu Edward Callus, qal jew ta` x'jifhem lill-imputat li dawn l-oggetti partikolari kienu ghar-rimi u konsegwentement dawn l-oggetti ma tnizzlux fuq l-"entry". Effettivament l-imputat ha ghalieh dawn l-oggetti u hadhom ghand habib tieghu biex izommhomlu. L-ghada, l-imputat gie mistoqsi x'kien ghamel b'dawn l-oggetti msemmija u qal ezatt kif graw l-affarijiet u li l-oggetti seta jgibhom lura. Di fatti l-imputat irritorna l-materjal imsemmi lura.

**Ikkunsidrat**;

Illi d-difiza rnexxielha tipprova sal-grad tal-probabbli illi b'dak li ghamel l-imputat, hu kien taht l-impressjoni genwina li l-oggetti, li hu ha u zamm ghalih u li huma l-mertu ta' din il-kawza, hu effettivament seta jehodhom ghax kienu ghar-rimi.

Necessarjament dan kollu bhala fatt ifisser li waqt l-att tat-tehid, l-imputat ma kellux l-intenzjoni rikjesta sabiex jissussisti r-reat tas-serq.

Lanqas ir-reat ta' ricettazzjoni, ipotizzat fit-tieni imputazzjoni ma jista b'xi mod jirrizulta mill-provi prodotti.

**Decide**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT ANTHONY JOSEPH CAUCHI MHUX HATI TAL-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur